REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1771

tas-7 ta' Ottubru 2021

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-weraq tar-ravanell

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi ("l-MRLs") stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 396/2005, u li huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, huma elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/62 ([2]) introduċa, *inter alia*, il-komodità "weraq tar-ravanell" fil-Parti B tal-Anness I u rabtu mal-komodità "kaboċċi" ("kales") fil-Parti A ta' dak l-Anness. Għaldaqstant, l-MRLs għall-kaboċċi ("kales") japplikaw ukoll għall-weraq tar-ravanell.

(3) Peress li fiż-żmien tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/62 ma kienx hemm *data* tal-prova tar-residwi disponibbli biex tikkonferma jekk din il-klassifikazzjoni tkunx xierqa, ġie stabbilit perjodu ta' tranżizzjoni bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1049 ([3]). Biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġġeneraw din id-*data*, ġiet introdotta nota f'qiegħ il-paġna mal-komodità "weraq tar-ravanell", filwaqt li din il-komodità ġiet eżentata mill-applikazzjoni tal-MRL għall-kaboċċi ("kales") sal-31 ta' Diċembru 2021.

(4) Peress li l-Istati Membri li jiġġeneraw din id-*data* reċentement infurmaw lill-Kummissjoni li l-ġenerazzjoni tad-*data* ittardjat, jenħtieġ li l-perjodu ta' tranżizzjoni kkonċernat jiġi estiż għal tliet snin oħra biex jippermetti l-finalizzazzjoni tal-provi u tal-valutazzjoni tagħhom.

(5) Għalhekk jenħtieġ li n-nota f'qiegħ il-paġna fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, in-nota f'qiegħ il-paġna (3) tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(3) L-MRLs għandhom japplikaw għall-weraq tar-ravanell mill-1 ta' Jannar 2025".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/62 tas-17 ta' Jannar 2018 li jibdel l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 18, 23.1.2018, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1049 tal-25 ta' Lulju 2018 li jissostitwixxi l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 189, 26.7.2018, p. 9).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN